Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ (Malta)
Deaf People Association (Malta)
45, Lascaris Wharf, Valletta, VLT01, Malta
Fax: (+356) 21245823
Email: info@deafmalta.com
Website: www.deafmalta.com

**Harga ta' Ottubru 2008**

## ETC Deaf Job Search Scheme

Kif gie imhabbar fl-ahhar cirkulari l-Ghaqda Persuni Neqsin mis-Smigh ghamlet arrangmenti mal-ETC, Employment and Training Corporation sabiex issir skema gdida fejn persuni neqsin mis-smiegh jkunu jistghu ifittxu jew ibiddlu ix- xoghol bl-inqas problemi. L-ETC se tkun qed toffri servizz ta' Sign Language Interpreter lil dawk il-Persuni Deaf registrati ma' l-ETC u qed ifittxu xoghol. Dawn ser jkollhom servizz ta' interpretu biex jkunu jistghu jikkomunikaw ma' impjegati ta' l-ETC, jekk jkollhom xi interview ghal job, u jekk jattendu xi seminars li toffri l-ETC.
Bi pjacir inhabbrulkom li l-ETC bdiet thaddem lil Maria Galea, interpreta fuq "occasional basis". Hija diga serviet xi kazi. Ser isiru xi updates fil-website ta' l-ETC fejn se jinkludu DVD u ser idahlu il-lingwa tas-sinjali ghal persuni Deaf. Is-suggetti jinkludu dawn:

- Parental Leave
- Leave
- Job Centres
- Ufficcju tal-EURES
- Valur tax-Xoghol
- Ghajnuna biex Persuna issib ix-Xoghol
- Traineeships fl-issetjar tal-Magni
- Il-Hidma tal-ETC ghaz-Zghazagh

L-Ghaqda ser tkompli dejjem tahdem sabiex il-kwalita tal-hajja ta' Persuni Deaf titjieb u b`hekk il-Persuni Deaf ihossu ruhhom Indaqs bhal-persuni normali fl-oqsma kollha.

## Servizzi ta` Interpreti

L-Ghaqda, permess ta' l-Interpreti: is-sinj. Sharon Grech w s-sinj. Rita Vella, toffri s-servizzi fl-access tal-komunikzzjoni tal-Persuni Neqsin mis-Smigh. Ghalhekk min irid jibbukkja ghas-servizz tal-interperti, dan jista' jaghmlu billi jibghat email fuq: sign.interpreting@gmail.com jew inkella jibghat sms fuq numru: **99381234.**

Nixtiequ ninfurmawkom li is-sinj. Graziella Debono irrizenjat minn ma' l-Ghaqda ghall-ragunijiet personali. L-Ghaqda tirringrazzjaha tax-xoghol siewi taghha u tawguralha kull success ghall-futur taghha.

## Attivitajiet

L-Ghaqda jiddispjaciha tinfurmakom li ghax-xhur li gejjin mhux se tkun qed torganizza attivitajiet. Dan ghaliex xi whud mill-membri tal-kumitat kienu kkritikati minn xi membri ta' l-ghaqda stess dwar affarijiet personali sakemm huma sebbhu l-attivitajiet fid-Deaf Culture specjalment meta huma taw ghajnuna finanzjarja fil-hinijiet taghhom volontarju. Apparti minn hekk fl-ahhar attivitajiet tas-sajf, ma gewx bizzejjed nies membri tal-ghaqda kif ukoll hafna minnhom jibbukjaw wara id-deadline stipulata tant li minhabba f hekk izid xoghol fl-ahhar minuta lill-membri tal-kumitat.

Ghalhekk dan ma jistax jigi accettat u gie deciz li ma jigux organizzati aktar attivitajiet sa l-ahhar tas-sena hlief il-Quddiesa tal-Milied. Iktar dettalji jithabbru l`quddiem. Jekk xi hadd interessat jghin fl-attivitajiet, l-Ghaqda lesta tghinu.

## Grupp ta' team tal-futbol

L-Ghaqda applikat ghall-fondi ta' l-Unjoni Ewropea biex tkun tista' twaqqaf grupp ta' team tal-futbol flimkien mal-Kunsill Sports Malti. Bi pjacir inhabbrulkom li dan il-grupp gie iffurmat u dalwaqt jibdew jitrenjew. L-ghan ta' dan il-progett hu li jghaqqad nies neqsin mis-smiegh permess tal-lingwa tas-sinjali bhala mezz ta' komunikazzjoni. Il-progett mistenni jdum sa' Mejju 2010. Il-kowc li se jkun qed jiehu hsieb li jitrenja lil dan il-grupp huwa is-Sur Joe Muscat. Joe huwa kkwalifikat mill-Malta Football Association, kien il-coach taz-Zejtun Corinthians, u kien responsabbli tat-tfal ta' taht id-9 snin. Ghal-kowc Joe il-kommunikazzjoni se tkun l-akbar challenge pero hu qal li qed jistenna li jibda it-training u huwa konvint li se jmorru tajjeb.

## Infakkrukom

### 1. Deaf Club u Bar

Il-Bar, permezz ta' Natalino Psaila, jiftah kull nhar ta' Gimgha mit-8.00pm sal-11.00pm u kull l-ewwel Hadd tax-xahar filghodu.

### 2. Quddiesa

Wara tmiem is-Sajf l-Ghaqda qed terga' torganizza quddiesa interpretata bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija hekk:

**Post:** Kappella ta' l-Universita, Tal-Qroqq

**Gurnata:** Kull nhar ta' Sibt fis-7.30p.m.

### 3. Batteriji tal-Hearing Aids u Alarm Clocks.

Il-membri jistghu jixtru bi prezz irhis il-batteriji tal-hearing aids mid-Deaf Club meta dan ikun miftuh. Il-prezzijiet huma hekk:

| | MEMBRI | MHUX MEMBRI |
|---|---|---|
| Kull pakkett tal-Batteriji | 3.00 Euros | 3.50 Euros |
| Kull  Alarm-clock | 35 Euros | 37 Euros |

4. **Ahbarijiet bil-Lingwa tas-Sinjali**

Il-PBS qed ixandar l-ahbarijiet bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija kuljum mit-Tnejn sal-Hadd fis-sitta u hamsa minuti (6.05pm), ezatt wara l-ahbarijiet tas-6.00pm.

5. **Servizz ta' Social Work**

Min ghandu bzonn tas-servizz tas-Social Workers tal-Agenzija SAPPORT dan jista' jaghmlu bill jikkunttattjahom fuq 79442121.

6. **Lezzjonijiet tal-Lingwa tas-Sinjali**

Id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni qed jorganizza lezzjonijiet ta' fil-ghaxija tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Min jixtieq aktar taghrif jista' jikkuntattja d-Divizjoni, Taqsima Lezzjonijiet ta' fil-ghaxija. Korsijiet simili jinghataw ukoll lill-studenti ta' l-MCAST u ta' l-Universita. Aktar taghrif dwar dan jista' jinkiseb mill-Istitut tal-Lingwistika tal-Universita' jew mill-Institute for Community Services Student Services ta' l-MCAST.

**George Vella**

**President,**
**Ghaqda Persuni Neqsin mis-Smigh.**